Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10107 — BlackRock/Mubadala/Goldman Sachs/Calisen)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 451/05)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BlackRock Alternatives Management LLC ("BAM", l-Istati Uniti tal-Amerka), sussidjarja indiretta u hija proprjetà kollha kemm hi ta' BlackRock Inc. ("BlackRock", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ninteenth Investment Company LLC ("Ninteenth", Abu Dhabi) li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Mubadala Investment Company PJSC ("Mubadala", Abu Dhabi),

— Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti tal-Amerka) u WSIP III (USA), fond li huwa ġestit indirettament minn Goldman Sachs,

— Calisen plc hija kumpanija pubblika kkwotata fil-Borża ta' Londra ("Calisen", ir-renju Unit).

BlackRock, Mubadala u Goldman Sachs jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Calisen.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-11 ta' Diċembru 2020.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BAM: tikkontrolla u tiġġestixxi d-deċiżjonijiet ta' investiment ta' fond li jopera globalment u li jiffoka fuq l-investimenti fil-katina tal-valur tal-infrastruttura tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-enerġija. Hija sussidjarja indiretta ta' BlackRock, ditta globali tal-investiment, tal-assi u tal-ġestjoni tar-riskju, li tipprovdi wkoll servizzi ta' konsulenza lill-klijenti istituzzjonali u mhux professjonali madwar id-dinja,

— Ninteenth: tiġġestixxi l-portafoll tal-infrastruttura tal-enerġija ta' Mubadala. Hija sussidjarja indirettament proprjetà sħiħa ta' Mubadala, li tinvesti globalment u attivament tiġġestixxi portafoll diversifikat b'setturi ta' prijorità inklużi l-ajruspazju, l-ICT, is-semikondutturi, il-metalli u l-estrazzjoni, l-enerġija rinnovabbli, iż-żejt u l-gass, il-petrokimiċi, l-utilitajiet, il-kura tas-saħħa, il-proprjetà immobbli, is-servizzi tad-difiża, il-farmaċewtika u l-medtech, in-negozju agrikolu u portafoll globali ta' parteċipazzjonijiet finanzjarji,

— Goldman Sachs: hija kumpanija globali ta' investiment bankarju, garanziji u ġestjoni ta' investimenti li tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi madwar id-dinja għal bażi ta' klijenti diversifikata li tinkludi korporazzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji, gvernijiet u individwi b'valur nett għoli,

— Calisen: l-akkwist, l-installazzjoni, is-sjieda u l-ġestjoni ta' portafoll ta' arloġġi tal-elettriku u tal-gass, b'enfasi partikolari fuq l-arloġġi intelliġenti fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

M.10107 — BlackRock/Mubadala/Goldman Sachs/Calisen

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË